# Il-Festa tal-Madonna tal-Karmnu 1895

**Martin Gravina**

*Dip. Educ. (Adm. & Mangt.)*

*...Min-naħa tagħha, Marija ma naqsetx li tiftaħ idejha t-tnejn u tilqa' xewqet l-Ordni li jġib isimha. Lill-Maltin, fost privileġġi oħra, tathom tnejn li baqgħu minquxin b'ittri tad-deheb mhux biss fil-Provinċja Karmelitana imma wkoll fl-istess storja ta' Malta, għax qatt qabel ma kienu ġraw bħalhom fil-gżejjer tagħna. Huma l-Inkurunazzjoni solenni tax-Xbieha mirakuluża tal-Madonna tal-Karmnu tas-Santwarju li ninsabu fih, b'digriet tal-Kapitlu tal-Vatikan, u l-privileġġ l-ieħor tat-twaqqif tal-istess Santwarju bħala Bażilika minuri.*

*Patri Valentin Borg Gusman O. Carm.*

*Programm tal-Festa, Lulju 1995, Madonna tal-Karmnu Valletta, p.5.*

F'din il-kitba sejjer nagħti titwila lejn il-festa tal-Madonna tal-Karmnu li kienet saret nhar is-16 ta' Lulju 1895, l-ewwel festa meta s-Santwarju rċieva dan il-privileġġ.

Il-festa tas-16 ta' Lulju tas-sena 1895 kienet iċċelebrata b'pompa u briju aktar mis-snin ta' qabel minħabba l-fatt li fit-13 ta' Mejju 1895 il-Papa Ljun XIII kien ta t-titlu u l-privileġġ ta' Bażilika. Il-knisja f'jum il-festa kienet imżejna mill-isbaħ, u għal din l-okkażjoni speċjali ntramat Tribuna proviżorja. Din it-Tribuna sal-Ħadd filgħodu tal-14 ta' Lulju kienet diġà armata fil-knisja.

Wieħed jista' jgħid li l-festi kienu bdew fl-għodwa tat-12 ta' Lulju 1895 meta l-vapur "Carola" deher fil-Port il-Kbir, marret lanċa mimlija bin-nies biex tagħti merħba lill-Kavallier Mikiel Anġ Mizzi[1] li kien wassal f'Malta fuq dan il-vapur il-Bolla u r-Reskritt tal-Bażilika, l-Umbrellun u t-Tintinnablu[2] eċċ.. Meta l-vapur trakka mal-moll mijiet ta' nies telgħu abbord u fost l-entużjażmu li kien hemm il-Kavallier Mizzi għadda lill-Pirjol Patri Alberto Grech il-




Papa Ljun XIII – il-Papa li ta t-titlu u l-privileġġ ta' Bażilika.

Bolla oriġinali u Reskritt. L-oġġetti l-oħra bħall-Umbrellun, it-Tintinnablu eċċ. ingħataw lin-nies li b'mod trijonfali wasluhom sas-Santwarju.

B'dimostrazzjoni kbira l-Kavallier twassal sal-Karmnu fejn il-patrijiet għamlulu laqgħa xierqa fejn iltaqa' wkoll mal-Provinċjal tal-Ordni Karmelitana Patri Maj. Luigi Malfatti. Huwa kompla billi wara mar għand l-Isqof ta' Malta Mons. Pietru Pace li kien kuntent li l-Papa għoġbu jagħti dan il-privileġġ. L-Isqof wera wkoll is-sodisfazzjon tiegħu billi lill-Kavallier Mizzi qallu *"Molto volentieri farò la festa di Martedi, assistendo dal Trono non solo, ma interverrò Domenica alla lettura della Bolla Apostolica"*



L-Isqof Pietru Pace li fi żmienu s-Santwarju tal-Karmnu ġie mogħti għad-dinjità ta' Bażilika Minuri.

Il-gazzetti rrapurtaw li l-Ħadd 14 ta' Lulju għall-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar[3] meta l-knisja kienet diġà mimlija bin-nies, il-patrijiet karmelitani marru l-Palazz tal-Arċisqof biex iwasslu l-Arċisqof Monsinjur Pietru Pace sas-Santwarju bil-mixi, fost approvazzjoni kbira tan-nies miġbura. Il-knisja kienet imżejna mill-isbaħ għal din iċ-ċerimonja memorabbli. L-Isqof assistit mill-vigarju ġenerali u Kanonku Kapitulari, b'ilbies pontifikali assista mit-tron għall-qari tal-Bolla Apostolika tat-twaqqif tal-Bażilika u r-Reskritt. Il-qari kien sar mill-Provinċjal tal-Ordni Karmelitana Patri Maj. Luigi Malfatti. Wara tkanta t-Te Deum bħala ringrazzjament lil Alla, segwit bil-Barka sagramentali minn Mons. Pace. Il-knejjes tal-Belt kif ukoll xi wħud barra l-Belt daqqew bil-kbir nnota waqt it-Te Deum kif ukoll inħarqet musketterija.

Wara li spiċċa kollox, Strada Teatro kif ukoll it-toroq li jagħtu għall-Bażilika kienu mimlija bin-nies, u l-entużjażmu kompla żdied hekk kif l-Isqof deher ħiereġ mill-Bażilika. Xi wħud riedu li jitneħħew iż-żwiemel minn mal-karrozzella u tinġibed min-nies bl-Isqof fiha. Minħabba l-fatt li l-Isqof beża' li jiġri xi incident għażel li jirritorna lura lejn il-Palazz bil-mixi. Din wasslet biex l-atmosfera tan-nies kienet akbar b'applawsi u għajjat ta' ferħ.

Lejlet il-festa filgħodu tqaddset għall-ewwel darba quddiesa taħt it-tribuna mill-Provinċjal tal-Ordni Patri Luigi Malfatti. Biex ikabbru l-festi, il-Patrijiet Karmelitani dehrilhom li barra li jkun mistieden l-Isqof ta' Malta Mons. Pietru Pace, jkunu mistiedna wkoll xi wħud mill-Kleru ta' Malta li kellhom isem mal-poplu. Infatti, filgħaxija il-vespri solenni tkantaw mill-Provinċjal tal-Patrijiet tal-Osveranti Minuri (Franġiskani Minuri) Patri Giovanni Evanġelista Spiteri.

Is-16 ta' Lulju, jum il-festa, fid-disgħa ta' filgħodu kien hemm il-quddiesa solenni mmexija mill-Provinċjal tal-Patrijiet tal-Oservanti Minuri assistit mill-Komunità tal-Ordni tiegħu, filwaqt li l-Isqof, assista mit-tron. Wara l-vanġelju l-professur Patri Vincenzo Cremona tal-Ordni tal-Predikaturi niseġ il-paniġierku bit-Taljan.

Il-paniġierku tal-erbgħa ta' wara nofsinhar magħruf ukoll bħala ta' wara l-pranzu, u li kien bil-Malti għamlu Dun Karm Schembri ta' San Pawl[4]. Wara li kien hemm il-vespri ħarġet il-purċissjoni bil-vara tal-Madonna tal-Karmnu li kienet immexxija mill-Arċisqof. Din għaddiet minn Strada Ponente, Vescovo, Mercanti, San Giovanni (Piazza), Reale, Piazza S. Giorgio u Strada Teatro. Il-mużika u l-kant fil-Knisja kienu meqjusa bħala mill-isbaħ u kienu taħt id-direzzjoni tas-surmastrijiet Dr. Paolo Nani u ibnu Antonio. F'din il-purċissjoni "popolare" u "imponentissima" b'għadd sewwa ta' fratelli, terzjarji u reliġjużi, il-poplu b'ferħ kbir ammira għall-ewwel darba l-Umbrellun u Tintinnablu fil-purċissjoni. Fid-dħul tal-purċissjoni l-Isqof Pace ta l-Barka Sagramentali.

It-toroq prinċipali li jwasslu għas-Santwarju kienu mixgħula u mżejna mill-isbaħ aktar mis-soltu. Rigward l-armar ta' barra saru għaxar statwi ġodda xogħol Karlu Darmanin fil-kartapesta. Dawn kienu l-istatwa tal-Papa Ljun XIII bil-Boll tal-Bażilika f'idu li tqiegħdet ftit 'il bogħod mill-kantuniera tal-knisja fi Strada Zekka. Anġlu għal fuq il-palk ta' ħdejn il-knisja, erba' statwi (tnejn ta' papiet u tnejn t'isqfijiet karmelitani) li kienu ntramaw taħt il-kuruna ta' Strada Forni kantuniera ma' Strada Teatro, u erba' statwi oħra għal fuq il-palk tal-pjazza. Il-mixegħla kienet waħda mill-isbaħ, fosthom

 

L-Ewwel Umbrellun u Tintinablu li kienu ntużaw. Dawn inħadmu huma u waslu Malta fis-26 t'April 1895.
Intużaw għall-ewwel darba fit-13 ta' Mejju 1895.

jissemmew il-Pjazza (pjazza San Ġorġ), Strada Reale, Strada Teatro, Strada Stretta u Strada Zekka. Il-Belt kienet deskritta bħala ħuġġieġa waħda ta' dawl, b'mod speċjali Pjazza San Ġorġ kif inkiteb fil-ġurnal Daily Malta Chronicle tat-18 ta' Lulju 1895 "Palace Square was brilliantly illuminated, the many coloured glasses and transparencies being most effective". Fuq il-bieb prinċipali tas-santwarju tpoġġiet skrizzjoni li kienet tgħid: *LEONI X111 PONT: MAX: Qui Hanc Aedem Literis Datis Idibus Maii In BASILICAM erexit Karmelitarum Ordo A MARIA KARMELI REGINA Ut Vaticana captivitas Thaboris Splendorem Protinus Convertat Precibus et Votis Exposcit*[5]. Skrizzjoni oħra kienet tpoġġiet fuq il-bieb tal-ġenb tal-knisja.

Il-festi esterni bdew ukoll is-Sibt 12 ta' Lulju meta għall-ħabta tal-ħamsa u nofs kien hemm it-tiġrijiet tal-ponijiet u żwiemel fil-marina ta' Tas-Sliema. Minkejja s-sħana qawwija li kienet, il-korsa minn tas-Sliema sa Ta' Xbiex kienet mimlija b'eluf ta' nies minn kull strata tas-soċjetà li mlew il-moll u kull rokna li kien hemm. Għall-organizzazzjoni kienu responsabbli ċerti Francesco Pace u Salvatore Zammit u f'dawn it-tiġrijiet ħadu sehem ġerrejja minn diversi rħula u bliet, fosthom mill-Belt. Interressanti kien il-fatt li fit-tiġrijiet taż-żwiemel tnejn kienu ġew l-ewwel u għalhekk l-ewwel premju ma kienx ġie deċiż. Dan il-fatt wassal biex ikun hemm ġirja oħra bejn żewġt iżwiemel l-Erbgħa 17 ta' Lulju f'Tas-Sliema fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija, biex ikun determinat l-ewwel premju. It-tiġrijiet kollha saru mingħajr ma kien hemm inċidenti jew xi ħaġa li setgħet ħarbtet iċ-ċerimonja. Filgħaxija fil-Belt sal-għaxra ta' billejl viċin il-knisja kien hemm mixegħla kif ukoll diversi programmi mill-baned.

Ma naqasx is-sehem tal-Banda La Vallette f'din il-festa. Hekk naraw li din il-banda daqqet kemm il-Ħadd 14 kif ukoll l-għada l-15 ta' Lulju. F'dawn iż-żewġ dati il-Banda La Vallette daqqet marċi trijonfali akkumpanjati bl-istandardi fit-toroq prinċipali tal-Belt qabel ma wettqet

programm fi Pjazza San Ġorġ. Wara l-programm li l-banda La Vallette għamlet nhar l-14 ta' Lulju fi pjazza San Ġorġ, kien hemm programm mill-Banda San Giorgio ta' Bormla fl-istess pjazza u li dan beda għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija.

Is-sehem ta' diversi baned f'lejlet il-festa kien kbir. Barra s-sehem tal-Banda La Vallette nsibu wkoll dawn il-baned li tellgħu spettaklu mill-isbaħ. Il-Banda Militari (Highland Light Infantry) li daqqet fil-pjazza, Il-Banda San Ġorġ fi pjazza San Ġorġ, il-Vincitrice tal-Isla, San Gejtanu tal-Hamrun, id-Duka ta' York tal-Birgu, San Ġorġ ta' Hal Qormi u l-Banda Unione ta' Hal Luqa.

F'waqt l-esekuzzjoni tagħha l-Banda La Vallette, fi pjazza San Ġorġ, tkanta flimkien mal-banda l-innu lill-Madonna tal-Karmnu. (Quando l-insigne Santuario della BB. V. Maria del Carmelo di Valletta si proclamava Basilica per Bolle Apostoliche INNO).


Godi, esulta, o fiorito Carmelo
Della gioja la veste ti adorni,
La tua Madre e Regina del celo
Nuova gloria riporta ed onor.

" Alto il trono ha Maria sulle nubi "
" Sovra i Santi, su tutt' i cherubi "
" Pari in terra alto trono Le torni "
" Il suo vinco de' Santi il decor ".

Così disse e il decreto ne scrisse
Dei credenti il sovrano Pastor.

Ratto arriva sull'ali del vento
A Valletta la santa parola
". Del Carmelo la Chiesa, oh portento!
" Leon Papa Basilica fe ".

" Santuario insigne l'appella "
Onde esulta la Vergine bella
Che sui Santi com' aquila vola
Ch' è Regina alla destra del Re.

Benedetto! dall' intimo petto
Tièn gli Evviva! Gli omaggi e la fè.

Per Fr. Franco Vinc. Carbonaro
Carmelita.

L-Innu li kien inkiteb fl-okkażjoni tat-twaqqif tal-Bażilika.

Dan l-Innu miktub għall-okkażjoni tat-twaqqif tal-Bażilika, mill-Patri Karmelitan Patri Franco Vincenzo Carbonaro u mużika tal-kavallier Vincenzo Carabott direttur tal-Banda La Vallette kien esegwit mit-tfal subien tal-orfanatrofju tal-Belt. Meta f'nhar il-festa il-vara għaddiet minn Strada Reale, l-innu kien reġa' tkanta fi Pjazza Reġina[6] mis-subien tad-dar tal-Orfni flimkien mal-orkestra taħt id-direzzjoni tas-surmast Benedetto Perez. Il-mużika kienet tas-Surmast Gaetano Grech direttur tal-Banda Duke of Edinburgh u kien iddedikat għall-kurunell Sur Vella tal-Milizzja Rjali Maltija.

Lejlet il-festa għall-ħabta tal-għaxra ta' billejl kien sar il-ġiġġifogu fil-parti tan-naħa ta' fuq fi Triq l-Ifran u li kien deskritt bħala impressjonanti.

Il-poplu Malti minn kull rokna tal-pajjiż anki minn Għawdex kif ukoll barranin ġew b'kwantità kbira u minkejja dan ma kien irrapurtat l-ebda disgrazzja jew storbju. Il-gazzetta *The Malta Times and United Service* tad-19 ta' Lulju 1895 tgħid li kien ukoll ta' sodisfazzjon li tara numru kbir ta' suldati u baħrin jieħdu pjaċir f'din il-festa. Numru mdaqqas ta' *non-commissioned officers* u rġiel tal-*Leinster Regiment* kienu ġew minn Għawdex bl-S.S. Princess Melita għal din l-okkażjoni.

F'ittra ddatata 19 ta' Lulju 1895, il-Provinċjal tal-Ordni Karmelitana Patri Maj. Luigi Malfatti u li kienet ukoll ippublikata fil-ġurnali, irringrazzja lill-Arċisqof Isqof ta' Malta Monsinjur Pietru Pace li l-preżenza tiegħu għamlet iċ-ċelebrazzjonijiet aktar solenni, lill-kapitlu ta' San Pawl Nawfragu, lill-Uffiċjali tal-pulizija għall-ordni perfetta li żammew, kif ukoll lill-benefatturi li aktar mis-soltu ppruvaw il-ġenerożità tagħhom.

Għal din l-okkażjoni ġew ippubblikati bil-Malti xi nformazzjoni dwar il-Bażilika, li fih kien hemm ukoll tifħir lejn il-Kavallier Mizzi għall-kooperazzjoni tiegħu biex is-Santwarju tal-Karmnu jsir Bażilika. Din il-pubblikazzjoni kienet mibjugħa f'eluf ta' kopji.

Jekk ngħidu li l-festa tal-Madonna tal-Karmnu hija ukoll waħda mill-festi popolari li għandna

f'Malta, il-festa li kienet saret fis-sena 1895 fl-okkażjoni tat-twaqqif tal-Bażilika, kienet xi ħaġa iżjed u aqwa mis-soltu. "*The festival of Our Lady of Mount Carmel was this year celebrated with greater festivities and enthusiasm, in view of the erection of the church bearing that name to a Basilica." The Malta Standard 19th July 1895 p.2.*

**Noti:**

1. Il-kavallier Mikiel Angelo Marija Mizzi twieled il-Belt Valletta nhar l-għaxra ta' Marzu 1849. Iżżewweġ fl-1881 u mar joqgħod ir-Rabat t'Għawdex. Huwa kien ħabib tal-patrijiet Karmelitani, devot kbir tal-Madonna tal-Karmnu u benfattur tas-santwarju. Fl-1895 Mizzi kien Ruma bħala Kavallier tal-Papa u minħabba li hu flimkien mal-Isqof Monsinjur Pietru Pace kellhom vuċi quddiem il-Papa, allura kienu t'għajnuna biex it-talba tal-patrijiet Karmelitani fl-aħħar tkun milqugħa. Il-kavalier Mizzi miet f'Glasgow fl-ewwel ta' Ġunju 1903.
2. La Gazzetta di Malta tat-12 ta' Lulju 1895 f'paġna 2 hemm miktub: "*Oggi col piroscafo Carola, ne sono arrivata le insigne, cioè La Basilica, Tintinnabulo, l'Altare Papale e la Tribuna".* L-Umbrellun kien xogħol tal-fabbrika Tanfani ta' Ruma; it-Tintinnablu xogħol ta' skultura ta' Mattioli filwaqt li l-induratura saret taħt id-direzzjoni ta' Casetti, filwaqt li l-arma kienet tal-artist Spesso. It-Tintinnablu tal-fidda li naraw illum kien sar ġewwa l-Ġermanja fl-1931.
3. Fil-programm il-ħin kien imniżżel fid-disgħa ta' filgħodu ara *Public Opinion*, 13ta' Lulju, 1895, p.3 u the *Malta Times & United Services*, 12 ta' Lulju, 1895, p. 2., imma f'rapporti oħra jagħtu deskrizzjoni tal-funzjoni li saret wara nofsinhar.
4. Dun Karm Schembri kien sar Kanonku ta' San Pawl Nawfragu, Direttur tal-Istitut ta' San Ġakbu u wkoll Monsinjur.
5. Il-Papa l-kbir Ljun XIII li fit-13 ta' Mejju għolla dan il-Maqdes għad-dinjita ta' Bażilika, l-Ordni Karmelitan joffri talb u weghdiet lill-Marija Reġina tal-Karmelu sabiex il-Vatikan jinbidel fis-sbuħija tat-Tabor.
6. F'ċerti ġurnali jirreferu għall-Pjazza Teżorerija bħala Pjazza Reġina jew Pjazza Vittorja.

**Biblografija**


Programm tal-festa Lulju 1995 Madonna tal-Karmnu Valletta 100 sena Bażilika Minuri p.5-27
Il Portafoglio Maltese 15 ta' Lulju 1895, p. 2, 3
Ibid. 18 ta' Lulju 1895, p. 2, 3
L'Ordine 16 ta' Lulju 1895, p. 2, 3
La Gazetta di Malta 12 ta' Lulju 1895, p. 2, 3
Ibid. 13 ta' Lulju1895, p. 2, 3
Ibid. 18 ta' Lulju 1895, p.3
Daily Chronicle 18 ta' Lulju 1895, p.5
The Malta Times & United Services 12 ta' Lulju 1895, p.2
Ibid. 19 ta' Lulju 1895, p.6
Public Opinion 13 ta' Lulju 1895, p.3
Risorgimento 12 ta' Lulju 1895, p.2
Malta Tagħna 17 ta' Lulju 1895, p.2
Ibid. 11 ta' Lulju 1931, p.4
The Malta Standard 12 ta' Lulju 1895, p.2
Ibid. 19 ta' Lulju 1895, p.2
Ibid. 26 ta' Lulju 1895, p.3


Martin Gravina *Dip. Educ. (Adm. & Mangt.)*


*Kulħadd illum iżejjen bil-fjuri*

Għal kull okkażjoni

**FREDU DEGIORGIO**

Triq Teżorerija, Valletta *(Fejn il-bieb il-falz tal-Palazz)*

Tel: 2148 7234